MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 51/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Tonna)
Vs
Wayne Briffa
Saviour Micallef

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta’ Lulju, 2006, ghall-habta tal-11.30 p.m., gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku, tlajjaw jew ghamlu biex ihajjru ghall-iskop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Frar, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannathom ghal tlett (3) xhur prigunerija sospiza ghal zmien sena bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor f’dan il-perjodu.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhomipprezentat fit-13 ta' Frar, 2007, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjara illi l-appellanti mhumiex hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrihom u konsegwentement tilliberhom minn kwalunkwe imputazzjoni w piena, w subordinatament u assolutament bla ebda pregudizzju ghat-talba tar-revoka tas-sentenza, anke jekk l-appellanti jinsabu hatja fuq il-fatti kif konstatati mill-Ewwel Qorti, li tigi nflitta piena li tixraq l-imputazzjonijiet li taghhom huma akkuzati u tenut kont tal-kondotta netta li ghandhom l-appellanti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji taz-zewg appellanti, li intavolaw rikors tal-appell konguntiv, huma fil-qosor is-segwenti w cioe':- A. Li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija. Fil-kaz prezenti kull ma rrizulta kien li l-appellanti kienu qed jaqsmu t-Triq Aldo Moro, fil-Marsa kien hemm vettura li rrallentat u prontament l-appellanti gew akkostati mill-Pulizija. Lanqas il-Pulizija ma qablu bejnithom. Fil-post fejn kienu l-appellanti hu impossibbli li titlajja jew thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra ghax hemm xi daqqa ta' karozza taqla' w mhux xi haga ohra. Ghalhekk ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-htija addebitata lill-appellant. B. Li subordinatament il-piena inflitta ta' tlitt xhur prigunerija sospiza b' sena hija wisq eccessiva konsiderando l-akkuza fejn il-massimu tal-piena li setghet tigi inflitta hu dak ta' tlitt xhur prigunerija w meta tqis il-kondotta netta tal-appellanti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda mil-gdid fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sedutatal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Il-provi tal-Prosekuzzjoni kontra l-appellanti jistghu jigi riassunti kif gej :-

**L-ISPETTUR MARIO TONNA** xehed li fil-21 ta' Lulju, 2006, bejn il-11 u 11.30 pm kien mas-Surgent Anthony Portelli 426 fuq *patrol* gol-Marsa li hija area maghrufa ghat-tlajjar ta' prostituzzjoni. Dan kien fejn il-Millenia Building, fuq il-parti ta' gewwa fejn hemm is-sigar, f' area mudlama w maqtugha barra mill-main road, Aldo Moro. Huma kienu qed javvicinaw din l-area bil-karozza tas-servizz gejjin minn-naha tal-Marsa fejn hemm ic-centru tal-klandestini sejrin lejn id-direzzjoni tal-Millenia. Kienu nnutaw zewg persuni femminili baxxuti li kienu qed jitkellmu ma persuna go vettura mit-tieqa. Meta komplew javvicinaw bil-vettura tas-servizz din il-vettura l-ohra saqet u huma kellmu lil dawn iz-zewg persuni li huma l-imputati appellanti li kien qed jagharaf fl-awla. Dawn il-persuni kienu dehru femminili ghax dak in-nhar kienu lesin dublett qasir, u qasir hafna u bizzejjed li l-parti ta' quddiem kienet sbuzzata fil-vizjoni ta' ghajnejh minn got-tieqa tal-vettura livell ghal maghhom. Kienu lebsin ukoll *"top"* femminili skullat li kien jikxef parti mis-sider u zarbun femminili . Xagharhom kien twil u ta' wiehed minnhom ix-xaghar kien isfar u xhud fehem li kienet parrokka. Meta staqsewhom x' kienu qed jaghmlu hemm, irrispondewhom li kienu qeghdin hemmhekk biss. Ghalmulhom tfittxija fil-*handbags* li kellhom u ninstabu ukoll xi kontracettivi gol-*handbags* taghhom, aktar minn tnejn zgur. Meta hu rega' staqsiehom x' kienu qed jaghmlu hemm, huma la nnegaw u lanqas ammettew li kienu hemm ghal skop ta' tlajjar. Tawhom ordni biex jitilqu minn fuq il-post w avvzawhom li kienu ser jigu mharrka.

In kontro-ezami, l-Ispettur Tonna xehed li hu personalment dak in-nhar biss kien kellimhom f' dak il-post. Meta hu kien ra lill-appellanti l-ewwel darba kienu fl-area fejn hemm il-parking imdawwra bis-sigar li tigi

parallel ma Triq Aldo Moro. Hu f' ebda hin ma rahom jaqsmu Triq Aldo Moro kif gie suggerit lilu. Kienu *static*. Li xi hadd kien qed jaqsam it-Triq Aldo Moro hu kien semaghha biss fix-xiehda taghhom waqt is-seduta tal-Magistrat isfel. Waqt li kienu qed ikellmu lil Saviour Micallef dan hareg ic-cwievet tal-karozza. Jaf li kellhom il-karozza taghhom fil-vicinanzi w meta tawhom l-ordni biex jitilqu minn hemmhekk wara ftit imxew lejn il-vettura, rikbu fiha u huma baqghu hemm sakemm startjaw u telqu. It-triq li kienu fiha tigi ma gemb il-kanal u, kif taqbez il-kanal, tigi f' din il-*parking area* .

**PS 426 ANTHONY PORTELLI** beda biex ikkonferma l-kontenut tal-Affidavits tieghu esebiti fil-process (Fols. 3 u 4). Dan qal li innutaw zewg persuni qed iwaqqfu l-karozzi fi Triq Aldo Moro u huma saqu lejhom u dawn telqu lejn il-parking tal-Millenia. Kellimhom l-IspetturTonna w fil-*handbag* ta' Saviour Micallef instabu zewg prizervattivi. Fil-*handbag* ta' Briffa instabu ukoll zewg preservattivi u karta ta'Lm5 It-tnejn kienu lebsin ta' mara skullat.

In kontro-ezami xehed li huma kienu gejjin minn Xatt il-Mollijiet gejjin minn fejn il-kanal, innutaw dawn iz-zewg persuni u baqghu sejrin fil-*parking* tal-Millenia. Meta rawhom l-ewwel darba kienu rawhom iwaqqfu xi vetturi u b' hekk huma saqu lejhom.Il-karozzi li kienu qed iwaqqfu ma kienux ghadejjin minn Triq Aldo Moro. Ma hadux in-numru tal-karozza li saqet ghax kien hemm distanza. Infatti huma ghall-ewwel hasbuhom li kienu nisa mbaghad, x' hin marru hdejhom, indunaw li kienu rgiel. Meta kellmuhom lilhom ma tawhomx spjegazzjoni ghaliex kienu qeghdin hemmhekk. Kienu liebsin parrokka f' rashom, kellhom il-*"make-up*", lipstick igifieri, lebsin dublett qasir u skullat; lebsin ta' nisa.. Hu fil-*parking area* lahaqhom u mhux jaqsmu Triq Aldo Moro.Ma tawhomx spjegazzjoni ghala kienu liebsin b' dak il-mod.

Fl-Affidavits tieghu (fols. 5 u 6 tal-process) **PC 5 EUGENIO FENECH** iddikjara li kienu innotaw zewg persuni qeghdin iwaqqfu l-karozzi fi Triq Aldo Moro u ghalhekk resqu lejhom u l-ispettur kellimhom u nstabu zewg kontracettivi ghand kull wiehed miz-zewg appellanti.

**L-APPELLANT WAYNE BRIFFA** xehed li dak in-nhar hu kien liebes dublett sa ftit il fuq mill-irkobba w flokk bic-cingi. Kienu marru party fejn kullhadd kien liebes ta’ nisa w ma min gew lura waqqafhom fejn l-istage, faccata tat-triq, faccata tal-Millenia w kellhom jaqsmu ghan-naha l-ohra minn fuq il-bridge. Huma w jaqsmu ghaddiet karozza, daqqet il-horn u x’ hin waslu n-naha l-ohra regghet daqqet il-horn u x’ hin telghu fuq il-bankina ha jmorru ghal karozza, gew il-Pulizija. Ma tkellmu xejn ma min kien fil-karozza lanqas fin-naha tal-parking. Lil Pulizija kienu qalulhom li ser imorru ghall-karozza li kienet ipparkjata xi hames passi boghod. Malli rawhom il-Pulizija mill-ewwel hadulhom il-basket u ma avzawhomx li ser itellawhom il-Qorti jew xi haga hekk. Ma kienx mar hemm biex jitlajja. Kienet gurnata tat-tlieta.

L**-APPELLANT SAVIOUR MICALLEF** xehed li jaqbel ma dak li qal l-appellant Briffa dwar ilbies. Mhux veru li hu kellu xaghru safra. Id-dublett mhux bhal ma qal l-Ispettur kien. Kien li jigi naqra fuq l-irkobbtejh Kien liebes *“top*” normali tas-sajf tal-irgiel bic-cingi u kellu zarbun *slippers, running shoes*. Kienu marru Party iz-Zurrieq go bar fejn jiltaqghu il-gays, fejn hu ezatt ma jafx jispjega, fil-main street. Dan kien bil-bieb miftuh.  Habib taghhom kien ser jitlaq u tahom *lift* biex imorru ghall-karozza. Kienu hallew il-karozza il-Marsa ghax kienu miftehmin u marru z-Zurrieq mall-habib taghhom, l-istess wiehed li rega’ gabhom lura. Kien waqqafhom fuq l-istage tan-naha li sejra lejn l-Belt. Kien hemm wiehed bil-karozza li paqpaq wahda biss u dil-karozza ma waqfitx ghax malli kienu sejrin ghall-karozza tieghu, raw il-pulizija u dawn daru *wrong way* u gew fuqhom u talbuhom il-basket. Ma kellmu lil hadd fil-*parking area*. Il-karozza ma kienux hallewha fil-post fejn ikun hemm persuni jitlajjaw. Il-pulizija la qalulhom li ser iharrkuhom, xejn, la haga w lanqas ohra. Talabhom x’ jisimhom u l-I.D. Card number .

Ikkonsidrat;

Illi kif ben tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. David Scicluna fil-kawza

"**Il-Pulizija vs. Mary Rose Vassallo"** [29.3.2006], biex tirmexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7 (2) tal-Kap.63, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghall-procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f' post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn diversi cirkostanzi, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f' post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkostanzi ohra. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti kif preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Michael Falzon"** [19.6.2002] il-kliem : "*jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni" u ( "loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili". Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li it-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f' xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-**"circumstantial evidence"** huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun.* "

Ikkonsidrat;

Illi f' dan il-kaz ma hemmx dubju li l-post fejn instabu l-appellanti f' nofs ta' lejl hu post maghruf sew ghall-prostituzzjoni. Jirrizulta li kienu t-tnejn liebsin ilbies ta' nisa intiz biex jigbed l-attenzjoni ossia mini skirt qasir u top skullat. Inoltre instabulhom zewg prezervattivi kull wiehed

fil-handbags taghhom. Issa dan mhux il-*promenade* ta' tas-Sliema jew San Pawl il-Bahar fejn forsi sa tard bil-lejl issib nies u familji shah jippassiggaw ghall-affari taghhom. Imma hu post f' zona industriali pjuttost imwarrab mill-*stream of traffic* u li gie dikjarat f' diversi sentenzi tal-Qrati, inkluza dik appena citata, li hu post maghruf ghall-prostituzzjoni. Inoltre din ma kienetx l-ewwel darba li l-appellanti nstabu hatja li kienu qed jitlajjaw ghal skop ta' prostituzzjoni proprju f' dak il-post. Di fatti l-appellant Briffa kien instab hati li tlajja ghal skop ta' prostituzzjoni principalment fil-Marsa ghal sitt darbiet minn April, 2004 sal-lum u l-appellant Micallef ghal tmin darbiet.

L-ispjegazzjoni stirakkjata li kien ghadhom kif jaslu hemm minn *gays' party* goz-Zurrieq u kien wassalhom hemm habib li kien gabarhom minn hemm qabel il-party tidher li hija trovatura biex tispjega l-prezenza innocenti taghhom hemm imma din l-ispjegazzjoni hargu biha biss fil-kawza ghax *a tempo vergine* ma taw ebda spjegazzjoni lill-Pulizija. Umbaghad l-Ispettur u s-Surgent xehdu li rawhom ikellmu persuna li kienu go karozza fil-waqt li huma jichdu din ic-cirkostanza inkriminanti u li tindika li kienu qed jitlajjaw hemm u mhux semplicement qed jaqsmu t-triq biex imorru ghall car taghhom. Umbaghad x' sens jaghmel li meta kienu lebsin ilbies ta' nisa alkwantu provokanti, jhallu il-car taghhom ipparkjatha proprju f' post fejn kienu jafu ben tajjeb li jitlajjaw il-prostituti w fejn huma stess kienu gja nqabdu diversi drabi ohra qabel u gew processati ghal tlajjar, jekk verament riedu jmorru party z-Zurrieq?

Ghalhekk din il-Qorti m' ghandix l-icken ombra ta' dubju li l-appellanti kienu hemm f' dawk il-hinijiet ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali u ghal xejn aktar u ghalhekk din il-Qorti tara li l-akkuza dedotta kontra l-apellanti tirrizulta sodisfacentement pruvata. Kwindi l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju dwar il-piena, mill-fedina penali aggornata tal-appellanti jirrizulta s-segwenti. Fil-kaz tal-appellant Briffa, minn Mejju, 2004 sal-lum instab hati tal-istess reat sitt darbiet – erba minnhom mill-inqas

proprju f’ Albert Town u fil-Marsa. Fil-kaz tal-appellant Micallef, apparti xi reati ta’ serq u nuqqas ta’ ubbidjenza tal-ordnijiet tal-Pulizija kommessi fil-1993 u 1994, minn Gunju, 2004 ‘l hawn instab hati mhux inqas minn tmin darbiet tal-istes reat ta’ tlajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni - seba’ darbiet minnhom proprju ukoll fil-Marsa. Altru milli ghandhom kondotta netta l-appellanti kif intqal fir-rikors ta’ l-appell ! Il-Qrati dejjem imxew b’ mod miti maghhom izda huma baqghu jippersistu fil-hajja refrattarja taghhom.

il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” [**14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Di fatti, l-piena ghar-reat li tieghu l-appellanti instabu hatja hi dik ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tlitt xhur. Il-ligi ma tikkontemplax piena ta’ multa. Inqas u inqas ma tikkontempla l-piena ta’ c-canfira w twiddiba kontemplata fl-artikolu 7 (2) (c ) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk ukoll hu utili li jigi rilevat li meta il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, presduta mill-istess Magistrat, kull darba erogat piena ta’ canfira w twiddiba, kienet qed teroga piena li fix-xorta w kwantita’ taghha kienet differenti mill-piena preskritta ghar-reat in dizamina. Ic-canfira w twiddiba tista’ tigi applikata biss fil-kaz ta’ kontravvenzjonijiet ,

Meta l–Ewwel Qorti, din id-darba preseduta minn Magistrat differenti, fl-ahhar erogat piena karcerarja - sia pure sospiza ghal sena - kienet qed tittratta mall-appellanti kif inhu xieraq, wara li huma inghataw tant opportunitajiet f’ kazijiet precedenti w huma injorawhom ghal kollox u baqghu jippersistu fl-agir kriminali taghhom. Ghalhekk anki l-aggravju dwar il-piena qed jigi respint bhala infondat fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell taz-zewg appellanti w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------